MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 669/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Tarcisju Cremona ta’ 60 sena bin Angelo u Catherine nee’ Grech, imwieled Xaghra nhar it-18 ta’ Mejju 1951, residenti fil-fond numru Tan-Nannu, Triq it-Tigrija, Xaghra u detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 39051(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Tarcisju Cremona li gie akkuzat talli nhar il-04 ta’ Settembru 2010 gewwa Triq is-Srug, Xaghra (Ghawdex) ghal habta tas-sitta w kwart ta’ filghaxija (1815hrs) u granet ta’ qabel:-

1. naqas milli javza fil-bdil ta' residenza, sew permanenti sew temporanju jew talab emenda fil-permess jew fil-licenzja b'avviz ta' hmistax-il gurnata bil-quddiem dwar dik il-bidla li kien bi hsiebu jaghmel.
2. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.
3. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi halla arma tan-nar u/jew munizzjon b'tali mod li seta gie f'idejn haddiehor.
4. ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' John Azzopardi kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari.
5. minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg ohra iebsin, u/jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies.
6. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u bil-glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel u s-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess.

Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuzi, il-Qorti tistqarr mal-ewwel illi l-ahjar prova ma gietx prodotta mill-prosekuzzjoni. Illi l-licenzja dwar il-pussess u/jew il-garr tal-arma tan-nar proprjeta tal-imputat qatt ma giet esebita

in atti u lanqas gie prodott xhud mill-ufficju tal-licenzji sabiex jixhed dwar l-istess. Illi fin-nuqqas ta' dina l-prova, il-Qorti ma tistax tasal biex issib htija ghar-rigward ta' xi ksur ta' dina l-licenzja billi ma hemmx prova fl-atti dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-istess.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li uza dina l-arma tan-nar filwaqt li kien qieghed jikkometti xi delitt fuq il-persuna ta' John Azzopardi. Il-Qorti tistqarr illi ssib dina l-akkuza kemmxejn stramba meta l-imputat ma huwiex akkuzat bil-kummissjoni ta' dana d-delitt kontra John Azzopardi. Illi ghalkemm mill-atti jirrizulta illi fil-fatt kien hemm argument bejn l-imputat u dana Azzopardi madanakollu ma hemm l-ebda akkuza fil-konfront tal-imputat illi huwa ikkometta xi delitt kontra dana Azzopardi. Ghaldaqstant dina l-akkuza certament ma tistax tirnexxi.

Illi l-hames akkuza hija wahda ta' natura kontravvenzjonali a tenur tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Illi kemm mix-xhieda ta' John Azzopardi, kif ukoll ta' martu Maria jidher illi l-imputat tefa' barmil bl-ilma fid-direzzjoni taghhom u dana waqt l-argument li nqala' bejnu u bejn John Azzopardi. Dana l-fatt huwa ammess mill-imputat stess fil-kors tal-istqarrija tieghu. Kwindi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 5(3)(b) u 51(9) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 338(dd), 339(1)(b) u 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, it-tielet u ir-raba' akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah multa ta' €100.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tad-Dokument JX11.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------